**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION LL.D**

**ILLUM, IL-11 TA' FRAR 2020**

**Rikors Inibizzjoni Nru. 45/2020 RGM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 45/2020 fl-ismijiet:

**LBV Limited**
**Vs**
**Kunsill Lokali Gudja**
**u**
**L-Agenzija għal Infrastruttura Malta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors preżentat mis-soċjeta' rikorrenti LBV Limited fid-9 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu għar-raġunijiet hemm mogħtija talbet lill-Qorti toħroġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex l-intimati jiġu miżmuma milli jagħmlu xogħlijiet konsistenti f'"Paving Works of Village Core Street, Gudja" u xogħol ta' skavar, stallazzjoni ta' infrastruttura taħt l-art u xogħol ta' pavimentar fi tliet żoni indikati fuq

pjanta annessa ma' sejħa li kien għamel il-Kunsill intimat għall-istess xogħlijiet fi Triq Santa Katerina, Triq Joseph Pace u Triq id-Dejqa, fil-Gudja.

Rat ir-risposta tal-Agenzija għall-Infrastruttura Malta preżentata fl-20 ta' Jannar 2020 li għar-raġunijiet hemm mogħtija qed topponi għall-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Preliminarjament l-Aġenzija intimata teċċepixxi illi ma hemm l-ebda obbligi kontrattwali bejn is-soċjeta rikorrenti u l-Agenzija intimata u għalhekk issostni illi ma hemm l-ebda relazzjoni drittijiet li s-soċjeta' rikorrenti tista' tivvanta fil-konfront tal-Aġenzija. Issostni wkoll, bla preġdizzju għall-eċċezzjoni preliminari minnha sollevata, illi fi kwalunkwe każ is-soċjeta' rikorrenti ma seħħliex turi li bin-nuqqas ta' ħruġ tal-mandat mitlub hija ser issofri xi preġudizzju irrimedjabbli jew sproporsjonat.

Min-naħa tiegħu il-Kunsill Lokali intimat iddikjara fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2020 illi m'għandux il-ħsieb li jwettaq dak li s-soċjeta rikorrenti qed titlob li jinżamm b'ordni tal-Qorti milli jsir.

Semgħat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2020.

Rat illi r-rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

Ikkonsidrat;

**Artikolu 873 tal-Kap. 12**.

Illi l-mandat interpost mis-soċjetà rikorrenti huwa wieħed ġenerali maħsub taħt l-**Artikolu 873 tal-Kapitolu 12.** Huwa ben saput li l-iskop tal-mandat ta’ inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista’ tkun ta’ preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.[1]

[1] Artikolu 873 (1) tal-Kapitolu 12.

Sabiex jinħareġ dan it-tip ta' mandat il-Qorti trid tistħarreġ jekk ġewx sodisfatti r-rekwiżiti kollha li tirrikjedi l-liġi, speċifikament dawk indikati taħt l-**artikolu 873 (2) tal-Kap. 12** li jipprovdi s-segwenti:

> "(2) Il-Qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Il-liġi titlob li għandhom jiġu sodisfatti żewġ rekwiżiti, li kif spjegat din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Josephine Cutajar vs. Mark Vella** (Mandat Nru 501/2015LSO) deċiża fit-23 ta' April 2015:

> "Dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak; inoltre huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita."

In vista tan-natura tal-intimati, f'dan il-każ huwa applikabbli wkoll l-**Artikolu 873 (3):**

> "(3) Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħarigx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma"

Għaldaqstant bil-liġi s-soċjetà rikorrenti trid tissodisfa tlett elementi sabiex jistħoqqilha tikseb il-ħruġ tal-mandat: (a) trid turi li l-mandat huwa meħtieġ sabiex

jitħarsu jeddijiet li tippretendi li għandha, (b) ir-rikorrenti tkun tidher li għandha, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet, u (c) li r-rikorrenti sejra tbagħti preġudizzju sproporzjonat.

Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux suġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** li *'huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'*

Illi bl-użu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-leġislatur ried li ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'żieda ma' dawn iż-żewġ elementi, mandati fil-konfront tal-gvern għandhom jissodisfaw it-tielet element. B'dan ifisser għalhekk illi jekk wieħed minn dawn it-tlett elementi jkun nieqes, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Tajjeb jingħad ukoll li l-proċedura tal-mandat huwa wieħed sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegħ tal-kawża dwar l-istess jedd, huwa għalhekk li r-rikorrenti trid turi mad-daqqa t'għajn li hija għandha jedd.

Illi jeħtieġ lill-Qorti wkoll li flimkien maż-żewġ elementi surreferiti, tikkonsidra l-element tal-preġudizzju. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.[2] B'irrimedjabbli wieħed għandu jfisser li *'bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat'.* Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat, tant li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-

[2] **Muriel Thake vs. Lars Olav Valdemar Grill et** (Mand. Inib. Nru 1712/2017) degretat fis-27 ta' Diċembru 2017.

mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħrug tal-Mandat. Huwa għalhekk li l-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta’ natura eċċezzjonali.[3]

Għandu jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa’ talba għall-ħruġ tal-mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta’ mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Ikkunsidrat

**Eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali Gudja**.

**Artikolu 873 (3) tal-Kap. 12** jipprovdi illi:-

> “(3) Il-Qorti m’għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, ..............."

Fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2020 il-Kunsill Lokali Gudja iddikjara, permezz tal-avukat difensur tiegħu Dr Dustin Camilleri, illi l-kunsill lokali ma kienx beħsiebu jagħmel dak li permezz tal-mandat qed jintalab li jitwaqqaf milli jagħmel. Iddikjara wkoll illi x-xogħlijiet imsemmija fir-rikors ma kienux fil-mansjoni tal-kunsill lokali.

**Artikolu 115A[4] tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi illi:-

> "L-istat, għandu jadotta sistema ta’ gvern lokali li biha t-territorju ta’ Malta jinqasam f’dak l-għadd ta’ lokalitajiet hekk kif jista’ minn żmien għal żmien

[3] **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** (Rik Nru 2086/1997) degretat fil-25 ta’ Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs Marin Hili** (Rik Nru 3135/94) degretat fit-22 ta’ Settembru 1995.
[4] Artikolu miżjud fil-Kostituzzjoni permezz ta' Att XIII.2001.4

jiġi stabbilit b'liġi, b'dan li kull lokalità tkun amministrata minn Kunsill Lokali elett mir-residenti tal-lokalità u li jitwaqqaf u jitħaddem skont dik il-liġi li tista' minn żmien għal żmien tkun fis-seħħ."

Għaldaqstant, ġialadarba kunsill lokali huwa, fit-termini tal-Artikolu 873 (3) fuq ċitat, awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, u tenut kont illi l-istess awtorita' pubblika ossia gvern lokali iddikjara illi ma hux beħsiebu jwettaq dak li s-soċjeta' rikorrenti qed tipprova twaqqaf bil-mezz tal-mandat minnha mitlub, isegwi illi ai termini tal-Artikolu 873 (3) tal-Kap. 12 il-Qorti hija prekluża milli tilqa' t-talba fil-konfront tal-kunsill lokali intimat.

**Eċċezzjoni tal-Aġenzija għal Infrastruttura Malta**.

Kif rajna *supra*, sabiex il-Qorti tikkonsidra favorevolment talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jeħtieġ li qabel xejn ir-rikorrent juri sodisfaċentement illi (i) l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li tippretendi li għandha, u (ii) ir-rikorrent ikun jidher mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) li għandu dawk il-jeddijiet.

Naturalment jeddijiet li wieħed jista' jippretendi li għandu ma jistgħux jeżistu go vakuum imma jeħtieġ li jkunu azzjonabbli fil-konfront ta' ħaddieħor li miegħu allegatament ikollu relazzjoni ġuridika.

Fil-każ in dizamina l-Aġenzija intimata teċċepixxi illi hija m'għandha l-ebda relazzjoni kontrattwali mas-soċjeta' rikorrenti u għalhekk tisħaq illi s-soċjeeta' rikorrenti ma jistax ikun illi tista' tivvanta xi jeddijiet fil-konfront tagħha.

Effettivament la mill-atti u lanqas waqt it-trattazzjoni orali ma jirriżulta li s-soċjeta' attriċi qed tivvanta xi jeddijiet fil-konfront tal-Aġenzija intimata.

Jirriżulta mill-atti illi fil-verita' l-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti ma humiex fil-konfront tal-Aġenzija intimata iżda fil-konfront tal-Kunsill Lokali intimat. Ma jirriżultax *prima facie* li hemm xi drittijiet li s-soċjeta' rikorrenti tista' tippretendi fil-konfront tal-Aġenzija intimata u allura wisq anqas irriżulta illi huwa meħtieħ il-ħruġ ta'

mandat ta' inibizzjoni sabiex jigu mħarssa drittijiet fil-konfront tal-Aġenzija li *prima facie* huma ineżistenti.

Is-soċjeta' rikorrenti ssostni illi jekk il-Qorti ma tilqax it-talba tagħha sabiex tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtorita' intimata allura l-pretensjonijiet tagħha jisfaw fix-xejn. Fil-fehma tal-Qorti tali asserzjoni ma hiex legalment fondata. Mhux meħtieġ għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri li l-Qorti tapprofondixxi dwar il-kwistjoni ta' bejn is-soċjeta' rikorrenti u l-kunsill lokali intimat. Jirriżulta li hemm pendenti quddiem l-awtorita' kompetenti appell intavolat mis-soċjeta' rikorrenti dwar id-deċiżżjoni tal-kunsill lokali intimat li ma jagħtix il-kuntratt ta' xogħol lis-soċjeta' rikorrenti ossia li jwaqqaf il-proċess tat-tender. Jirriżulta wkoll li f'dawk il-proċeduri l-Awtorita' intimata ma hiex parti.

Il-pretensjoni prinċipali tas-soċjeta' rikorrenti hija illi jekk il-kunsill lokali ma jagħtix il-kuntratt ta' xogħol mertu ta' sejħa għall-offerti numru GLC-04-2019 lilha, allura l-istess soċjeta' rikorrenti ser tbati d-danni. Jekk eventwalment jirriżulta li s-soċjeta' rikorrenti għandha raġun fil-konfront tal-kunsill lokali intimat allura ir-rimedju ma hux il-mandat ta' inibizzjoni iżda proċeduri oħra.

Il-Qorti mhiex tilqa' s-sottomissjoni tas-soċjeta' rikorrenti illi l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni huwa meħtieġ sabiex tiġi protetta l-integrita' tal-appell li hija intavolat ai termini tal-Liġi Sussidjarja 601.03 kontra l-kunsill lokali intimat. Il-kunsill lokali intimat ġia iddikjara li mhux beħsiebu jagħmel ix-xogħol imsemmi fir-rikors u għalhekk il-pretensjoni għad-danni li talvolta s-soċjeta' rikorrenti jista' jkollha fil-konfront tal-kunsill lokali intimat ma tistax tiġi kawtelata bil-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

**Deċide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors tas-soċjeta' LBV Limited preżentat fid-9 ta' Jannar 2020 billi,

1. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tad-9 ta' Jannar 2020 sa fejn laqgħet provviżorjament it-talba għall-ħruġ tal-mandat;

2. Tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati kif fuq spjegat.

3. Tiċħad ir-rikors tas-soċjeta' LBV Limited tad-9 ta' Jannar 2020.

Bl-ispejjez kontra s-soċjeta' rikorrenti.

**Moġħti kameralment illum 11 a' Frar 2020.**

**Onor. Robert G. Mangion LLD**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**